# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)

**Rikors Numru: 4/16 CSH**

**Romina Sah Frendo (K.I. 39479M)**

**Vs**

**Anthony Grech (K.I. 522173M) u Corinne Cassar (K.I. 22782M)**

**Illum 31 ta Mejju 2017.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici fil-11 ta' Jannar, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha l-ammont ta' hamest elef sitt mija u sebgha u tletin Ewro (€5637) jew somma ohra verjuri li ma teccedix il-hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11646.87) rapprezentanti self li r-rikorrenti kienet tat ghal hrug ta' permessi relatati ma' negozju li r-rikorrenti kienet sejra tiftah. Illi dan is-self gie kanonizzat permezz ta' skrittura li ggib id-data tas-6 ta' Mejju, 2015 fejn l-istess Anthony Grech (K.I. 522173M) iffirma tali skrittura u Corinne Cassar (K.I. 22782M) ghazlet li tkun garanti ghall-istess Anthony Grech.

Bl-ispejjez u imghaxijiet mis-6 ta' Settembru 2015 kif ukoll l-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Gie ddikjarat illi fi kwalunkwe kaz l-attrici qeghda tillimita t-talba taghha ghal massimu ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

Rat ir-risposta ta' Corinne Cassar ipprezentat fl-1 ta' Marzu, 2016 fejn esponiet is-segwenti:

1. *"Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont indikat fir-rikors promotur mhux dovut mill-esponenti u li l-esponenti qatt ma ghazlet li tkun garanti tal-istess kif ser jigi pprovat fil-mori ta' din il-kawza;*

2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici ngunta in subizzjoni."*

Rat l-affidavit ta' **Romina Sah Frendo** datata 27 ta' Settembru, 2016 fejn iddikjarat illi saret taf lil Anthony Grech peress li hu kien impjegat mal-hanut 'Bella Sicilia' liema hanut jinsab biswit il-hanut taghha u ta' zewgha ma' genb xulxin ti Triq ix-Xatt, Gzira. Spjegat illi fis-sena 2013, hi u zewgha kienu fl-istadju (u ghadhom) li jaqilbu l-hanut minn Class 4 ghal Class 6 (bhala *catering establishment*) u kien avvicinahom il-konvenut Anthony Grech li qal li hu kien jigi mill-Ministru Louis Grech u kellu il-kuntatti mehtiega biex jghin fl-applikazzjoni taghhom li kienet tinvolvi diversi entitajiet bhall-MEPA, l-MTA, Dipartiment tas-Sahha u tas-Sanita', kif ukoll numru ta' applikazzjonijiet li riedu jsiru biex jingabu permessi ghall-imwejjed gewwa l-hanut kif ukoll barra. Ikkonfermat li hija omm ta' zewgt itfal, tahdem *full time* bhala *lecturer*, kif ukoll tinsab f'nofs Ph.D., u lil dan ratu anglu. Qalilha li kien ser jiehu hsieb kollox hu. Hi emmnitu u bdiet ittih ic-cekkijiet li kien dejjem jghidilha thallihomlu bhala '*blank*

*cheques'* u dan sabiex jaghmel il- pagamenti dovuti lill-entitajiet fejn hija riedet tapplika. Kien imur ghalihom wara x-xoghol, gieli mal-*partner* tieghu ta' dak iz-zmien certu Jennifer Camilleri, li tigi omm it-tifel ta' Anthony Grech. Tiftakar li kienet tghidilha "*ara dan mhux ghalija*" bid-dahka u hi kienet temminha.

Dan Anthony Grech kien jitlobha cekkijiet minn zmien ghall-iehor u kien jghidilha li ghandu bzonn cekk ghall-MTA, iehor ghall-imwejjed ta' barra, ecc. Hi sa dak il-punt kienet emmnitu f'kollox. Kopja ta' dawn ic-cekkijiet huma annessi mal-affidavit taghha u mmarkati bhala Dokumenti (A1- A7). Bejn l-4 ta' Awwissu 2014 u 23 ta' Jannar 2015 harget total ta' hdax-il cekk. Nel frattemp, applikazzjoni li kienet f'idejn il-perit taghha waslet biex inhargilha permess tal-Class 6. Meta pero' hija rceviet minghand il-perit taghha, il-Perit Ian Cutajar, Anthony Grech kien mar jistaqsiha ghal somma ta' fuq l-€1,000 biex jithallas il-Perit. Hija giha dubju kbir u rrifjutat li thallas lilu peress li hi minghaliha (skont ma kien qallha hu) li hija kienet diga' harget dak il-flejjes bhala hlasijiet. Kien hemm li giha susspett u talbitu ricevuti ta' dak kollu li hija kienet hallset ghalih. Dan telaq qisu mhawwad, u wara xi ftit sieghat rega' mar lura b'xi ricevuti , dawk esebiti u markati bhala Dokumenti B1 sa B5, u Dok C1. Fost dawn l-ircevuti kien hemm ircevuti ta' ktieb tal-VAT. Meta marret tfittex fejn kien dan l-indirizz imnizzel fuq il-ktieb tal-VAT skopriet li l-indirizz kien jghajjat certu restorant li kien gja ghalaq.

Hemmhekk hija ntebhet b'kull ma kien gara, u talbet li tara f'isem min kienu ssarfu dawk ic-cekkijiet kollha li hija u (dak iz-zmien) ir-ragel taghha Chandramani Sah kienu ffirmaw ghaliex minghalihom li dan kien qed jghinhom. Irrizultalha li lanqas *cheque* wiehed ma kien issarraf minn entitajiet li kellhom x'jaqsmu mal-applikazzjonijiet ghall-permessi taghhom.

Kien hemmhekk li hija cemplet lill-Pulizija (Sezzjoni tal-Frodi) u sfortunatament hadet il-parir ta' min wegibha fuq it-telephone li qalilha li dan kien kaz civili u li l-pulizija ma tidholx fih. Ghalhekk marret ghand l-

Avukata Cynthia Scerri Debono u ghamlu skrittura, dik esebita fl-atti u mmarkata bhala Dokument D, fejn almenu kien jidher fic-car li hija kienet tat is-somma ta' €5,637 lil Anthony Grech ghall-applikazzjonijiet u hlasijiet li qatt ma saru.

Hija ma komplietx temmen lil Anthony Grech, u talbitu jgib xi hadd garanti ghalih fil-kaz li hu ma jhallasx lura l-flus dovuti lilha. Fil-fatt kien gab lill-konvenuta Corinne Cassar, li dak iz-zmien kien qalilha li kienet il-*partner* tieghu u dan sabiex tidhollu garanti hi f'kaz li hu ma jhallashiex lura hekk kif kien ftiehem maghha fuq l-iskrittura Dokument D. Corinne Cassar dahlet garanti billi ffirmat din l-iskrittura u l-unika darba li kienet iltaqghet maghha kien dakinhar biss u l-ebda darba ohra.

Kien ghalhekk li kellha tiftah dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti ghaliex la Anthony Grech u wisq inqas Corinne Cassar, ma hallsuha minkejja li kienu intrabtu permezz tal-iskrittura Dokument D. Kien biss wara li ghamlet il-mandati li Corinne Cassar ghamlet kuntatt maghha. Hija ma kellhiex triq ohra hlief li timxi kemm kontra Corinne Cassar kif ukoll kontra Anthony Grech. Mhux talli ma hadet xejn izda kellha tonfoq aktar flus kemm ghall-ispejjez legali kif ukoll biex taghmel mandat kontra kull min kien involut.

Rat l-affidavit ta' **Margaret Rose Frendo** datat 27 ta' Settembru 2016 fejn iddikjarat illi tigi omm l-attrici Romina Sah Frendo u hija kienet tkun id-dar ma' bintha Romina. Fid-dar kien imur certu Anthony Grech fejn kienet tara lit-tifla tiktiblu c-cekkijiet minn zmien ghall-iehor. Hija kienet toffrilu l-kafe' u l-whisky. Tghid li daqqa kien jigbor cekkijiet minghand it-tifla u daqqiet ohrajn minghand zewg bintha Chandramani Sah mill-hanut 'Lotus Crown'. Hu kien dejjem iserrhilhom mohhhom u jghidilhom biex ihallu f'idejh ghax hu kien jaf in-nies u kien jaf lil min kellu jkellem biex l-applikazzjoni ghal Class 6 u permessi ghas-siggijiet ta' gewwa l-hanut u ta' barra jsiru minghajr hafna dewmien. Hija taf li kien ser igib xi hadd garanti peress li Romina Sah Frendo ma kellhiex tama li kien ser ihallasha

lura. Qatt ma hallas sold lura u ma ghamel l-ebda mezz biex jikkuntattja lil bintha biex irodd dak li ha minghand Romina u l-eks ragel taghha b'qerq.

Rat l-affidavit ta' **Danielle Nadine Wigg** bil-lingwa Ingliza datat 24 ta' Gunju 2016 fejn iddikjarat li hija personalment kienet xhud ta' Corinne Cassar u Anthony Grech waqt li ffirmaw personalment id-dokument anness u markat bhala Dokument D . Tikkonferma li Corinne Cassar iffirmat il-ftehim fil-prezenza taghha u hija ffirmat id-dokument ukoll.

Rat illi fis-7 ta Dicembru 2016 xehdet il-konvenuta **Corinne Cassar** ( fol. 41A) u murija l-iskrittura esebita a fol. 34 markata bhala dok D tikkonferma li fuqha hemm il-firma taghha. Qalet li taf li effettivment hemm skrittura fejn kienet iffirmat li kienet ser tkun garanti ta' Anthony Grech. Illi nhar it-22 ta' Marzu 2017 hija xehdet viva voce u ikkonfermat li kienet tiffrekwenta lil Anthony Grech. Qalet li lill-attrici ma tafhiex pero' taf li Anthony Grech kellu jtiha xi flus skond informazzjoni moghtija lilha minnu u kkonfermat li dan kien talabha biex isselfu xi flus u kien lest li jiffirma karta fejn jirrikonoxxi li effettivament dawn il-flejjes kienu ser jigu mislufa minnha. Prezenti kien hemm omm l-attrici u xi hadd iehor pero' tghid li ma kien hemm l-ebda avukat jew nutar. Qalet li ma kien inqara l-ebda kuntratt lilha u tghid li iffirmat karta li minghaliha li effettivament kienet il-ftehim dwar il-flus li kienet ser issellef lil Anthony Grech, u cioe' fejn kien ser jigi dikjarat li kien qed jirrikonoxxi li kien qed jissellef xi flus minghandha u li kien qed jitnrabat biex ihallasha lura. Qalet li d-diskussjoni bejn Anthony Grech u bejn l-attrici kienet wahda amikevoli. Qalet li fuq il-karta li iffirmat ma kien hemm l-ebda timbru ta' avukat jew nutar. Ikkonfermat li kienet iffirmat dan il-ftehim fid-dar tal-attrici. Mistoqsija jekk haditx xi procedura sabiex twaqqa' dan il-ftehim tghid li ma haditx u tghid li ma kenitx taf li dak li iffirmat kein effettivament kuntratt. Hija ma talbitx sabiex tiehu dan il-ftehim ghand avukat qabdet u iffirmatu.

Rat l-affidavit ta' **Dr. Cynthia Scerri De Bono** mahluf nhar is-6 ta' Dicembru 2016 markat bhala Dok RSF 1 fejn fih stqarret illi nhar is-6 ta'

Mejju 2015 kienu marru ghandha fl-ufficcju fil-Hamrun Romina Sah Frendo u Anthony Grech. Tghid li minn dak li fehmet l-attrici kienet harget flejjes fl-ammont ta' €5,637 biex huwa seta' jiggestixxi hanut li kien taghha u li hu kien weghda li ser ihallasha taghhom lura izda baqa' inadmepjenti u qatt ma hallasha lura. Il-flus gew moghddija lil Anthony Grech mill-attrici bejn Awwissu 2014 u Frar 2015. Tghid li hija irredigiet skrittura ta' self f'dan ir-rigward u fil-presenza taghha l-konvenut AnthonyGrech kien wieghed lill-attrici li kien ser ihallasha lura. Kien qalilha ukoll li kien hemm certa terza persuna Corinne Cassar li kienet lesta li taghmel tajjeb bhala garanti kemm-il darba hu ma jasalx biex ihallasha. Fil-fatt is-Sur Grech kien gab lil din Corinne Cassar mieghu. Tghid li hija spjegat li ikun ghaqli jekk is-Sinjura Cassar tkun parti minn dan il-ftehim u ghalhekk kellha wkoll tiffirma dan il-ftehim (Dok D). Minn quddiemha is-Sur Grech cempel lil din Cassar u gharrafha b'dak li kienet qalet hi u kellhom jiftiehmu gurnata meta hija setghet tmur tiffirma l-iskrittura. Tghid li pero' din Cassar kellha xi diffikulta' sabiex tmur tiffirma dan il-ftehim quddiemha. Hija abbozzat il-ftehim fil-presenza tal-attrici u l-konvenut Grech u dawn iffirmawh quddiemha u hija iffirmat bhala xhud tal- firem u ghamlet ukoll fotokopja tal-karta tal-identita' tat-tliet partijiet. Hija halliet barra certu dettalji ta' Corinne Cassar ghaliex Anthony Grech ma kienx jafhom. Hija baqghet mal-partijiet li biex il-ftehim jorbot lit-tlieta li huma, kellhom jiffirmaw il-ftehim u insistiet li l-firem isiru fil-presenza ta' xhud. L-attrici hadet l-sikrittura maghha u granet wara kient cemplitilha u qaltilha li Cassar kienet iffirmat l-iskrittura fil-presenza ta' xhud. Tghid li min kien dan ix-xhud ma tafx.

Semghet lil **Joanna Bartolo** tixhed fil-31 ta' Jannar 2017 u dan wara li giet ezentata mis-sigriet bankarju taghha. Spjegat illi hija tokkupa l-kariga ta' Senior Manager fil-Litigation Department fil-Legal Office tal-Bank of Valletta u kkonfermat li c-cekkijiet li jinsabu esebiti fl-atti gew mahruga mill-kont bankarju ta' Chandraman Sah u Romina Sah li jgib in-numru 40021075320. Hija esebiet kopja ta' dawn ic-cekkijiet relattivi u li l-Qorti immarkat bhala Dok. BOV u ikkonfermat li dawn ic-cekkijiet kollha ssarrfu.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-10 ta Mejju 2017.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-attrici kienet tat somma flus lill-konvenut Anthony Grech u dan bl-intenzjoni li jaghmel certu pagamenti in konnessjoni ma' tibdil fil-klassi tal-licenzja li kien hemm fuq il-hanut taghha li kellha gewwa l-Gzira u cioe' minn Class 4 ghal Class 6. Tghid li effettivament hija kienet ghaddiet numru ta' cekkijiet b'dan l-intendiment izda wara certu zmien irrealizzat li l-konvenut ma kienx qed jaghmel uzu sew mic-cekkijiet vojta li kienet qed ittih u li in effetti kien qed juzahom ghal ragunijiet ohra u differenti mid-destinazzjoni taghhom. Tghid li in segwitu' ghalhekk kienet talbet lil dan Anthony Grech sabiex jirrifondi l-flejjes li kien ircieva minghandha u dan fl-ammont ta' €5,637. Il-konvenut qabel ma' dan u flimkien kienu dehru quddiem l-Avukat Dr. Cynthia Scerri Debono fejn gie kanonizzat dan il- kreditu fejn min-naha wahda l-attrici ddikjarat li kienet sellfet dan l-istess ammont ta' flus lill-konvenut Anthony Grech u l-istess Anthony Grech kien iddikjara li verament kien ircieva dawn il-flejjes u li kien qed jintrabat sabiex ihallas lura dan l-istess ammont ta' flus u cioe' is-somma ta' €5,637. Jidher ukoll li l-konvenut kien ressaq lil certu Corinne Cassar bhala garanti tieghu f kaz li huwa ma jonorax il-ftehim minnu iffirmat u esebit a fol. 34 ta l-atti.

Jinghad li skond dan il-ftehim, il-konvenut Anthony Grech kellu jhallas lill-attrici is-somma ta' €5,637 fi zmien erba' xhur mid-data tal-iffirmar tieghu u cioe' sas-6 ta' Settembru 2015 u fin-nuqqas li jsir dan il-hlas, l-attrici kellha d-dritt titlob l-imghax ta' 8%. Fuq dan il-ftehim dehret ukoll il-konvenuta Corinne Cassar li ddikjarat li *"kemm-il darba Anthony Grech ma jirrifondix dan l-ammont jew parti minnu sas-6 ta' Settembru 2015, l-ammont li jkun baqa' dovut sa dik il-gurnata lill-attrici ghandu jithallas flimkien mal-interessi ta' 8% fuq il-bilanc."*

Illi m'hemmx dubbju li dan il-ftehim gie ffirmat mit-tliet partijiet u cioe' l-attrici u z-zewg konvenuti u li l-ammont hemm imsemmi huwa dovut u li ma sar l-ebda pagament lill-attrici sabiex jigi mnaqqas dan il-kreditu

taghha. Illi jidher ukoll li Cassar gharfet il-firma taghha, pero' tghid li ma kinitx taf li hija kienet qed tiffirma *qua* garanti tal-konvenut Anthony Grech, izda li kienet qed tiffirma ftehim sabiex issellef il-flus lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici u fejn l-istess konvenut kellu jirrikonoxxi li l-flus li kienu qed jinghataw lill-attrici effettivament kienet qed tohroghom hi. Interessanti pero' li meta giet mistoqsija mill-Qorti jekk haditx xi passi sabiex tirrevoka jew tikkancella dan il-ftehim esebit bhala Dok D, tghid li ma ghamlet xejn minn dan.

Illi fil-fatt l-**Artikolu 1094** tal-Kodici Civili jipprovdi li:-

*"L-obbligazzjoni hija in solidum ghad-debituri meta huma kollha obbligati ghall-istess haga, b'mod li kull wiehed minnhom jista' jigi mgieghel ghall-hlas tad-dejn kollu, u l-hlas maghmul minn wiehed minnhom jehles lill-ohrajn lejn il-kreditur".*

Illi l-effett tal-istess obbligazzjoni solidali skond l-**Artikolu 1096** tal-Kap 16 huwa li:-

*"Il-kreditur jista' jdur kontra kull min irid mid-debituri in solidum, b'ghazla tieghu, minghajr ma d-debitur ikun jista' jopponi l-beneficcju tal-qsim tal-obbligazzjoni".*

Illi tal-istess portata huma id-disposizzjonijiet tal-istess Kodici Civili "FUQ IL-GARANZIJA", tant li l-**Artikolu 1935** tal-istess Kap. 16 jipprovdi li:-

*"Il-beneficcju ta' l-eskussjoni ma jghoddx-*

*(b) jekk il-garanti jkun obbliga ruhu in solidum mad-debitur".*

Illi l-istess jinghad fl-**Artikolu 1937** tal-Kap. 16 fejn hemm car stipulat li:-

*(1) "Meta tnejn min-nies jew izjed jidhlu bhala garanti ta' l-istess debitur u ghall-istess dejn, kull wiehed minnhom ikun obbligat ghad-dejn kollu".*

*(2) "Izda, kull wiehed minnhom jista', kemm-il darba ma jkunx irrinunzja ghall-beneficcju tal-qsim tad-dejn, jew ma jkunx obbliga ruhu in solidum mad-debitur, jitlob li l-kreditur jaqsam l-azzjoni tieghu u jnaqqasha ghas-sehem ta' kull wiehed mill-garanti."*

Illi ovvjament l-istess garanti li jhallas id-dejn ghandu dritt ta' regress kontra l-garanti solidali l-ohra ghal sehemhom skond l-**Artikolu 1949** u anke kontra d-debitur principali skond l-**Artikolu 1942**. L-attrici f'din il-kawza qed titlob li tithallas il-kreditu taghha mill-konvenuta bhala garanti solidali tal-konvenut Anthony Grech, kif ukoll li tithallas mill-istess debitur pricncipali Anthony Grech u dan abbazi tal-obbligazzjoni specifika minnhom assunta bil-ftehim precitat (Dok. D). Issa il-konvenut jidher li huwa kontumaci u dan ghaliex minkejja li gie notifikat bl-avviz ta' smiegh kemm bil-procedura tal-affissjoni kif ukoll dik tal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern (nhar it-13 ta' Mejju 2016 (fol. 18) u fil- gazzetta lokali l-Orizzont datata 6 ta' Gunju 2016 (fol. 19), dan baqa' ma pprezenta l-ebda risposta. *Invece* l-konvenuta Corinne Cassar fir-risposta taghha stqarrret li *"t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont indikat fir-rikors promotur mhux dovut minnha u li hija qatt ma ghazlet li tkun garanti tal-istess kif ser jigi pprovat waqt is-smiegh tal-kawza."*

Issa kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet "**APS Bank Limited (C2192) vs First Direct General Services Limited (C21005) et"** nhar il-31 ta' Jannar 2011 u antecedentement fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-2 ta` Dicembru 1963 fil-kawza "**Baldacchino vs Schembri**" l-effetti tal-garanzija solidali principalment jirrisolvu ruhhom proprju f`dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa moghti d-dritt illi jagixxi direttament kontra l-garanti solidali minghajr il-htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali jew li jirrikorri ghall-eskussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista` jagixxi kontra l-garanti solidali.

**Jinghad li mill-provi jirrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li effettivament l-attrici ghandha dritt li tithallas lura kemm mill-**

**konvenut Anthony Grech li huwa kontumaci, kif ukoll mill-konvenuta Corinne Cassar bhala garanti tieghu u ghalhekk filwaqt li qed tirrespingi r-risposta taghha qed tikkudnanna liz-zewg konvenuti in solidum sabiex ihallsu lill-attrici dik is-somma imsemmija fir-rikors promotur fl-ammont ta' hamest elef, sitt mija w sebgha u tletin Ewro (€5,637). Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tas-6 ta' Settembru 2015 a karigu tal-istess konvenuti.**

**F'kaz li l-konvenut Anthony Grech ma jhallasx id-debitu tieghu fi zmien ghoxrin jum millum, il-Qorti qieghda tawtorizza lill-istess attrici tizbanka l-flejjes li gew depozitati l-Qorti permezz ta' Cedola ta' Depositu numru 267/16 fl-ismijiet "Romina Sah Frendo vs Anthony Grech u Corinne Cassar" prezentata mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-3 ta' Frar, 2016, in ottemperanza tal-ordni moghtija permezz tal-Mandat ta' Sekwestru numru 42/2016.**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D., Dip. Matr. (Can)**
**Magistrat**